# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Settembru, 2024**

**Numru: 1**

**Rikors Nru. 129/2024**

## Carmen Grixti

## v

## L-Avukat tal-Istat,
## Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali
## u
## Ivan Grixti għal kull interess li jista' jkollu

**Daħla**

1. F'kawża għal separazzjoni personali bejn is-sinjura Carmen Grixti u s-sur Ivan Grixti, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ("QF") ċaħdet sittax-il talba mressqa mis-sinjura Grixti. Hi tgħid li l-QF ma spjegatx għaliex kienet qed tiċħadhom u li, b'konsegwenza t'hekk, ġew miksura drittijiet fondamentali tagħha, fosthom id-dritt għas-smigħ xieraq.

2. F'din il-kawża ser naraw kif imxiet il-QF u jekk dak li tallega s-sinjura Grixti hux minnu.

## Il-każ tas-sinjura Grixti

3. Is-sinjura Grixti fissret il-pożizzjoni tagħha hekk fir-rikors li ressqet fit-12 ta' Marzu 2024:

> 1. B'ittra numru 1284/17 preżentata fil-11 ta' Settembru 2017 fl-ismijiet "Carmen Grixti *vs* Dr Ivan Grixti" ir-rikorrenti fetħet proċess ta' medjazzjoni qabel tibda kawża ta' separazzjoni kontra żewġha Ivan Grixti.
>
> 2. Billi l-medjazzjoni ma wasslitx għal rikonċiljazzjoni, ir-rikorrenti bir-rikors ġuramentat numru 125/2018/AL fetħet kawża ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kontra żewġha Ivan Grixti minħabba raġunijiet li għalihom jaħti l-istess Ivan Grixti waħdu, fosthom adulterju, vjolenza domestika, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi kif ukoll għax il-konvenut telaq mid-dar biex imur jgħix ma' mara oħra ħafna snin iżgħar minnu.
>
> 3. Matul il-proċess ta' medjazzjoni u wkoll matul il-kawża r-rikorrenti ħtiġila tippreżenta numru ta' rikorsi fosthom dawk elenkati fid-dok. A mehmuż ma' dan ir-rikors. Dawn ir-rikors ġew miċħuda mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-familja) "għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta".
>
> 4. Peress illi lir-rikorrenti jidhrilha illi dawn id-digrieti ma humiex validi għax ma humiex motivati, għax ma huwiex magħruf liema "mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta" kienu dawk li wasslu lill-Qorti biex tiċħad ir-rikorsi, ir-rikorrenti kienet titlob fakoltà taħt l-art. 299 [korrezzjoni tal-qorti: 229] tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili biex tappella bl-aggravju fost oħrajn ta' nuqqas ta' motivazzjoni, iżda din il-fakoltà ġiet invarjabilment miċħuda, u r-rikorrenti fehmet illi jkollha tappella flimkien ma' appell mis-sentenza finali, jekk ikun il-każ.
>
> 5. Għalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti tkun tista' tappella minn dawn id-digrieti flimkien ma' appell mis-sentenza finali, madankollu dan ma jkunx biżżejjed biex jiġu evitati danni inġenti għar-rikorrenti. Fil-fatt, żewġha Ivan Grixti waqaf iħallas il-pagamenti mensili lill-bank u dan għamlu b'pika għax għandu mezzi biżżejjed mnejn iħallas għax l-assi likwidi tal-komunjoni tal-akkwisti huma kollha f'idejh. Dan wassal biex il-bank jitfaħ u jirbaħ kawża kontra l-konjuġi Grixti (rikors maħluf 59/2020 fl-ismijiet "Bank of Valletta plc *vs* Dr Ivan Grixti *et*") għall-kanonizzazzjoni tad-dejn u issa beda l-proċess biex tinbigħ bl-irkant bil-qorti d-dar matrimonjali fejn toqgħod ir-rikorrenti ma' uliedha bniet (peress illi żewġha abbanduna d-dar u mar jgħix ma' mara oħra).
>
> 6. Biex dan ma jseħħx ir-rikorrenti kienet talbet illi l-Qorti tordna lil Ivan Grixti jħallas id-dejn lill-bank u hekk tiġi evitata l-ħsara tat-telf tad-dar, iżda l-Qorti kompliet tiċħad dawn ir-rikorsi "għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta" u baqgħet tiċħad ir-rikorsi wkoll wara li r-rikorrenti ġibditilha l-attenzjoni għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell wara sentenza *in parte* dwar tmiem il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Grixti fejn il-Qorti tal-Appell qalet ċar u tond illi kien xieraq li l-konvenut Ivan Grixti iħallas id-dejn kollu mal-bank *in vista* tad-disparità enormi bejn id-dħul tiegħu u dak tar-rikorrenti. Is-silta relevanti mis-sentenza hija hawn mehmuża bħala dok B.
>
> 7. Il-konsegwenza tal-fatt illi rikorsi dwar materja li jista' jkollha riperkussjonijiet hekk gravi jiġu miċħuda mingħajr motivazzjoni hija illi r-rikorrenti jkollha tistenna sakemm tappella flimkien mas-sentenza finali biex tappella minn dawn id-digrieti ikun ifisser illi r-rimedju tal-appell ikun disponibbli tard wisq biex tiġi evitata din il-ħsara, u għalhekk ma jkun rimedju xejn. Għalhekk id-danni jkun irreparabbli.
>
> 8. Ir-rifjut tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti bla ma tagħti r-raġuni għalfejn, barra milli jtellef il-fiduċja fil-Qorti għax joħloq dubju dwar

jekk il-Qorti qisitx tassew ir-rikors jew ċaħditux awtomatikament b'digriet ta' żewġ linji, jikser il-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq għax kull deċiżjoni għandha tkun motivata, aktar u aktar meta l-konsegwenzi taċ-ċaħda tar-rikors ikunu gravi u detrimentali għar-rikorrenti.

9. Barra minn hekk, ir-rifjut tal-Qorti li tiċħad rikors motivat dettaljatament b'digriet bla motivazzjoni, u r-rifjut li tħalli lir-rikorrenti tappella fi żmien utli biex tevita l-ħsara tat-telf tad-dar, barra milli jikser il-jedd għal smigħ xieraq, jikser ukoll il-jedd tar-rikorrenti għat-tgawdija ta' ħwejjiġha u għat-tgawdija tal-ħajja privata u tal-familja.

10. Dawn iċ-ċaħdiet tat-talbiet tar-rikorrenti dejjem "għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta" joħolqu dubji serji dwar l-imparzjalità tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

11. Għal dawn ir-raġunijiet kollha r-rikorrenti ġarrbet u qiegħda ġġarrab ksur: tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġha mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; tal-jedd għall-protezzjoni għall-intimità tad-dar imħares taħt l-art. 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u tal-jedd għar-rispett tal-ħajja privata tagħha u ta' darha mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

4. Għal dawn ir-raġunijiet, is-sinjura Grixti talbet lil din il-qorti:

1. tiddikjara illi b'konsegwenza ta' kif tmexxew il-proċeduri mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża fl-ismijiet "Carmen Grixti *vs* Dr Ivan Grixti" (rik. ġur. nru 125/2018) hija ġarrbet, qiegħda ġġarrab u għad tkompli ġġarrab:
   i. ksur tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
   ii. ksur tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġha mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
   iii. ksur tal-jedd għall-protezzjoni għall-intimità tad-dar imħares taħt l-art. 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
   iv. ksur tal-jedd għar-rispett tal-ħajja privata tagħha u ta' darha mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
2. tħassar u tannulla d-digrieti kollha mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) elenkati fid-dok. A hawn mehmuż;
3. tordna lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tisma' u tqis mill-ġdid ir-rikorsi tar-rikorrenti elenkati fid-dok. A hawn mehmuż, b'dan illi l-istess Qorti tkun diversament presjeduta;
4. tillikwida d-danni pekunjarji u morali li hija ġarrbet, għadha ġġarrab u x'aktarx sejra ġġarrab;

5. tagħti kull rimedju ieħor li jidhrilha meħtieġ, xieraq jew opportun u tagħti wkoll b'effett immedjat rimedji *interim* biex jiġi evitat illi r-rikorrenti tkompli ġġarrab aktar danni u ħsara.

## Ir-risposta ta' l-Avukat ta' l-Istat

5. L-Avukat ta' l-Istat irrisponda hekk:

1. Illi, **preliminarjament**, l-intempestivita` ta' l-azzjoni odjerna stante li r-rikorrenti ghad ghandha rimedji ordinarji x'tista' ssegwi qabel ma tirrivolgi ruhha ghar-rimedju kostituzzjonali. Il-Ligi ma tillimitax kemm-il darba r-rikorrenti tista' titlob ir-rikonsiderazzjoni tad-Digriet moghti mill-Qorti, jew ir-revoka contrario imperio tieghu. Hemm ukoll ir-rimedju li tappella dwar dawn id-Digrieti wara s-Sentenza finali. Jekk id-dar matrimonjali tinbiegh bis-subasta, kif qed tibza, tista dejjem taghmel it-talbiet u l-osservazzjonijiet u ggib provi pertinenti quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex tigi kumpensata mill-intimat zewgha fis-Sentenza tas-separazzjoni ta' bejniethom. Kwindi, l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha, u dan ai termini ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi **preliminarjament**, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit l-inapplikabilita` ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stante li digrieti pendente lite ma humiex intizi biex jiddeterminaw drittijiet jew obbligi civili b'mod finali;

3. Illi **fil-mertu**, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li m'ghandu jirrizulta ebda vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kuntrarjament ghal dak li tallega, u titlob, ir-rikorrenti, senjatament, izda mhux limitat ghar-ragunijiet li jsegwu;

4. Illi, peress illi l-mod kif l-ewwel talba hija impostata, u cioe` "*kif tmexxew il-proceduri mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)*", ghandu jirrizulta li l-Qorti, hekk kif ippreseduta fil-kawza fil-mertu, ma aggixxietx hazin u dejjem agixxiet fil-parametri tal-Ligi, u kwindi ma jistax jinghad illi ikkawzat ,u ghad tkompli ggarrab, vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali kif vantat mir-rikorrenti;

5. Illi, in oltre, ir-rikorrenti m'ghandhiex ragun tehodha kontra l-Qorti tal-Familja fuq id-Digrieti relatati mat-talbiet biex tappella mid-Digrieti tal-Qorti fejn it-talbiet tar-rikorrenti gew michuda. L-Artikolu 229(1)(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car meta jghid li tali Digrieti huma appellabbli biss wara l-ghoti tas-Sentenza finali, a prescindere mill-mod kif id-Digriet tac-cahda gie postulat. Kwindi, ir-rikorrenti ma hiex korretta fl-asserzjoni taghha li minn dan l-aspett ma inghatatx smiegh xieraq u garrbet vjolazzjoni ta' l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni, anke ghaliex b'ebda mod il-Qorti tal-Familja ma setghet takkorda tali talbiet jekk il-Ligi stess ma tippermettihomx.

6. Illi lanqas m'ghandha tirrizulta vjolazzjoni ta' l-istess Artikoli 39 u 6 li d-Digrieti ta' cahda jigu abbozzati bil-kliem "*ghal uhud mir-ragunijiet imsemmija fir-risposta*". Filwaqt li wiehed jinnota element ta' ekonomija fl-abbozzar ta' tali Digrieti, jirrizulta car li d-decizjonijiet lanjati huma motivati fuq argumenti u ragunijiet li tkun esponiethom parti. Dan ifisser, qabel xejn, li tali Digrieti ma humiex privi minn motivazzjoni. Fit-tieni lok, hemm diversi cirkostanzi meta digriet ta' Qorti jilqa' u jichad talba pendente lite minghajr ebda motivazzjoni, u dan fih innifsu ma jgarrabx vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq;

7. Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa intiz biex min jittiehdlu l-proprjeta` tieghu bil-forza jkun kumpensat adegwatament. Fil-kuntest ta' dak imsemmi mir-rikorrenti,

l-esponenti jissottometti bir-rispett illi ma tistax tinsab vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, stante li effettivament, jekk id-dar matrimonjali tinbiegh bis-subasta, wara li jinqatghu id-djun ir-rikorrenti tkun qeghda tiehu l-valur residwali ta' l-istess dar matrimonjali fi flus;

8. Illi in oltre, biex il-Bank ikun jista' jtella d-dar matrimonjali ghall-bejgh in subasta, huwa jrid ikun kanonizzat kreditur, u f'kaz bhal dan, dan isir jew permezz ta' Sentenza ta' Qorti, jew permezz ta' Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu, li wkoll jitqies li huwa titolu ezekuttiv skond il-Ligi. Kwindi, anke hawnhekk l-Artikolu 37 ma jistax jigi invokat b'success stante li l-Artikolu 37(2)(h) jezenta mill-protezzjoni moghtija mill-Artikolu 37 l-ezekuzzjoni ta' Sentenzi;

9. Illi lanqas ma hu applikabbli ghall-kaz de quo l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni. Dan l-Artikolu jipprovdi projbizzjoni generali ta' tfittxija tal-persuna, jew tar-residenza, jew dhul minn terzi fil-fond. Ghall-iskop ta' l-ezekuzzjoni ta' kwalunkwe subasta certament tkun applikabbli l-eccezzjoni misjuba fis-subinciz 2(d);

10. Di piu', tali protezzjoni ma tistax tigi invokata biex jigi mxekkel dritt jew liberta` ta' persuna ohra, ai termini tas-sub inciz 2(b);

11. Illi b'referenza ghal-lanjanzi sa fejn jolqtu l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, jigi eccepit illi d-drittijiet protetti fl-Artikolu 8 huma limitati hekk kif irid is-subinciz 2 ta' l-istess. Jinghad li Qorti hija awtorita` pubblika u kull pronunzjament gudizjarju huwa operat tal-Ligi mehtieg f'socjeta` demokratika. Kwindi, lanqas ma tista tinsab vjolazzjoni ta' l-Artikolu 8;

12. Illi galadarba stabilit li ma hux minnu li r-rikorrenti soffriet xi vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali, hekk kif pretiz fl-ewwel talba, isegwi li t-talbiet kollha l-ohra ghandhom jigu michuda, bhala konsegwenzjali ghall-istess;

13. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-kuntest ta' dak premess fir-Rikors promotur, jigi eccepit li r-rimedji mitluba fit-tieni u t-tielet talba qeghdin jaghtu xejra lil din il-kawza daqs li kieku hija allura appell, li ma huwiex il-mansjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

14. Illi jsegwi li ma hemm ebda kumpens li ghandu jigi likwidat favur ir-rikorrenti, u mhallas lilha;

15. Illi in kwantu ghall-hames talba, jigi eccepit illi sakemm dina l-Onorabbli Qorti tasal biex taghti s-Sentenza finali, hija diga` ha tkun iddisponiet dwar it-talba ghal rimedju ad interim;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

## Ir-risposta ta' Ivan Grixti

6. Is-sur Grixti irrisponda hekk:

1. Illi preliminarjament jinghad illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur u dana stante li huwa qatt ma jista' jirrispondi u/jew jinsab responsabbli ghal-lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti jekk din tirrizulta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dwar il-mertu jinghad illi t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta mis-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi r-rikorrenti qieghda sfaccatament tittanta tabbuza minn dawn il-proceduri straordinarji u solenni u tuza l-istess bhala forma t'appell minn diversi digrieti li inghataw mill-Qorti tal-Familja, liema Qorti kienet propju dik il-Qorti li kellha l-opportunita` tevalwa l-provi prodotti, il-komportament tal-partijiet u x-xhieda taghhom meta ddeponew quddiemha, u ghexet l-iter tal-process fil-varji fazijiet kollha tieghu;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi r-rikorrenti lanqas qed tkun sinciera fid-dikjarazzjonijiet tal-fatti li ssottomettiet quddiem din l-Onorabbli Qorti u fil-fatt ghazlet li ma taghtix id-dettalji kollha pertinenti ghall-kaz odjern;

**<u>Kronologija tal-Fatti:</u>**

5. Illi jinghad li r-rikorrenti u l-esponent huma konjugi li ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, liema proceduri ilhom pendenti sa mis-sena 2017, inizzjalment permezz ta' proceduri ta' medjazzjoni, u sussegwentement permezz ta' rikors guramentat li gie intavolat fis-sena 2018, kif del resto ammess mill-istess rikorrenti fir-rikors promotur taghha;

6. Illi miz-zwieg taghhom twieldu erbat itfal, tlieta li llum huma adulti u indipendenti u Esther li llum ghandha sbatax-il sena. Il-partijiet huma t-tnejn nies ta' skola, u filwaqt li l-esponent jahdem, ir-rikorrenti ghalkemm hija *accountant* taghzel li ma tahdimx, anke jekk hi kapaci tahdem u tiggenera introjtu;

7. Illi jrid jinghad li fil-mori tal-proceduri ta' separazzjoni, l-esponent gie ordnat jivversa manteniment, inizzjalment kemm ghall-martu u ghall-ulied li kienu ghadhom taht l-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena; u l-ordnijiet moghtija mill-Qorti dejjem gew osservati mill-esponent. Irid jinghad li fl-istess hin l-esponent kien anke qed ihallas id-dejn kollu, li jikkonsisti f'ammonti sostanzjali, tal-konjugi Grixti dovut lill-Bank of Valletta plc relatat mal-propjeta' tal-istess konjugi;

8. Illi mill-banda l-ohra, r-rikorrenti riedet tivvendika ruhha minn zewgha, u ghalhekk hija mhux biss ghazlet li tiffrizalu l-kontijiet bankarji tieghu, izda anke qabditlu s-salajru tieghu b'mandat ta' sekwestru u ovvjament huwa ma setax ikompli jaffettwa l-pagamenti mensili favur il-Bank of Valletta plc. Ghalhekk mhux minnu dak li qed tallega r-rikorrenti, ossia li l-esponent waqaf ihallas il-loan dovut lill-Bank of Valletta plc b'pika;

9. Illi fl-istess zmien Carmen Grixti bdiet tintavola rikorsi quddiem il-Qorti tal-Familja titlob li l-esponent jigi ordnat ihallas in toto d-djun dovuti lid-debituri, principalment il-Bank of Valletta plc, liema talbiet il-Qorti tal-Familja ma laqghetx. Dawn it-talbiet Carmen Grixti baqghet tressaqhom perjodikament, liema talbiet baqghu dejjem gew michuda;

10. Illi meta l-Bank of Valletta plc, fehem x'inhu jigri, kien anke accetta li jaghti lill-partijiet moratorium, bit-tama li jsibu soluzzjoni bejniethom, minghajr ma jkollu ghalfejn jiehu passi gudizzjarji. Izda kif ser jirrizulta mill-provi, r-rikorrenti Carmen Grixti, flok irringrazzjat lil-bank u kkollaborat mal-istess, ghazlet li tallega li l-Bank qed jikkolludi mal-esponent, u kien ghalhekk li l-Bank biddel il-posizzjoni tieghu u pproceda gudizzjarjament fil-konfront tal-konjugi Grixti u dan kif anke ser jirrizulta mill-gbir tal-provi, inkluz it-testimonja tar-rapprezentanti tal-Bank of Valletta plc, fil-kawza 'Bank of Valletta plc vs Ivan Grixti et' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

11. Illi jrid jinghad li fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar is-16 ta' Mejju 2023, il-QF rrimarkat kif *"…meta l-konvenuta (Carmen Grixti)*

*otteniet il-mandat ta' sekwestru inkwistjoni, anke jekk kienet ko-debitriċi solidali, tefgħet il-ġebla fuq saqajha."* (Kopja tas-sentenza annessa u mmarkata Dok A);

12. Illi dik is-sentenza illum ghaddiet in gudikat, u l-Bank of Valletta plc qua kreditur b'titolu ezekuttiv, proceda bi proceduri ta' subbasta fil-konfront ta' Carmen u Ivan Grixti, mhux biss fuq id-dar matrimonjali fejn tabita Carmen Grixti, izda anke fuq il-flat gewwa l-Belt, fejn fattwalment qed jghix l-esponent;

13. Illi f'dak il-punt, minflok mar-rikorrenti poggiet bilqieghda u pruvat issib soluzzjoni ma' zewgha, regghet intavolat rikors quddiem il-Qorti tal-Familja, f'liema talbet li *pendente lite* l-esponent, b'mandat ta' sekwestru fuq rasu u bl-assi tieghu kollha ffrizati, jigi ordnat ihallas id-dejn kollu li hemm mal-Bank of Valletta plc. Huwa ovvju li l-Qorti tal-Familja ma setghet qatt tilqa' tali talba, ghaliex din tincidi fuq il-mertu finali tal-proceduri ta' separazzjoni, u cioe` l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u jekk tilqa' l-istess tkun qed tiddeciedi parti mill-kawza ta' separazzjoni "bil-quddiem";

14. Illi waqt li ghaddej dan kollu, Carmen Grixti ma waqfitx tintavola rikors wara l-iehor quddiem il-Qorti tal-Familja, f'istanzi anke erba' f'gimgha, spiss titlob provvedimenti lill-Qorti anke jekk l-istess talbiet ikunu diga' fattwalment gew ddegretati precedentement;

15. Illi iktar minn hekk, irid jinghad li minkejja t-trapass ta' iktar minn sitt snin mill-bidu tal-proceduri ta' separazzjoni, ir-rikorrenti ghamlet minn kollox biex tkaxkar saqajha fil-gbir tal-provi, u l-provi taghha gew definittivament u finalment maghluqa fl-14 ta' Marzu 2024 u dan b'ordni tal-Qorti tal-Familja. Irid jinghad li minkejja li ghaddew dawn is-snin kollha u l-fatt li kemm l-esponent u kemm l-Assistent Gudizzjarju mahtura fil-kaz odjern ikkollaboraw fl-iffissar ta' seduti, f'istanzi minn tliet xhur bil-quddiem, ir-rikorrenti dejjem pretendiet li tibqa' titlob iktar seduti, fl-umli opinjoni tal-esponent inutilment. Dan qed jinghad b'responsabbilita` u mill-atti ser jirrizulta li kien hemm xhieda li r-rikorrenti tellghatom jixhdu ghal aktar minn darba, issaqsihom l-istess mistoqsijiet, bit-tama li dawn ibiddlu l-versjoni li jkunu taw f'seduti precedenti;

16. Illi b'zieda u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess, illi lanqas m'huwa nuqqas tal-QF tal-Familja li cahdet it-talbiet ta' Carmen Grixti li tappella minn uhud mid-digriet li nghataw pendente lite. Il-Qorti tal-Familja m'ghamlet xejn hazin, ghajr li applikat l-artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa l-artikolu li proprju jirregola d-dritt ta' appell minn digrieti. Hu ben evidenti, li d-digrieti li Carmen Grixti trid tattakka permezz tal-proceduri odjerni m'humiex digrieti interlokatorji u ghalhekk ma jistax isir appell minnhom hlief mas-sentenza finali. Dan ma giex deciz mill-Qorti tal-Familja, izda mil-legislatur.

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza wkoll ghall-Appell fl-ismijiet **Angiolina Bartolo v Emmanuel Gauci et**[1], f'liema din l-Onorabbli QF kienet tenniet hekk:

*"Il-Qorti tosserva illi llum, wara l-bdil li sehh bis-sahha tal-emendi li saru fl-1995 fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, id-dritt ta' appell minn dikrieti huwa regolat bl-art. 229 kif sostwit bl-art. 113 tal-Att XXIV tal-1995 u li bis-sahha tieghu giet superata l-gurisprudenza ta' qabel.*

*Id-distinzjoni li jaghmel l-art. 229 ma hijiex bejn dikrieti interlokutorji u dawk definittivi izda biss bejn (i) dikrieti li ma jistax isir appell minnhom jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva, (ii) dikrieti li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva, u (iii) dikrieti "residwali" illi jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva izda biss bil-"permess specjali" tal-qorti. Id-dikrieti li jissemmew fl-art. 229(1) u (2) huma kollha "interlokutorji" ghax ebda wiehed minnhom ma jaqta' l-kwistjoni li tifforma l-meritu tal-atti li fihom jinghataw dawk id-dikrieti, u post*

[1] 50/87, *Angiolina Bartolo v Emmanuel Gauci et*, Qorti tal-Appell, deċiża fl-24 ta' Ġunju 2016.

*se exspectant sententiam, waqt illi l-art. 229(3) – li johloq il-kategorija "residwali" - jirregola "appell minn kull dikriet interlokutorju iehor". Il-konkluzjoni trid bilfors tkun illi l-art. 229 jaghti dritt ta' appell minn dikrieti interlokutorji biss. Certament, ma jaghtix dritt ta' appell minn dikriet bhal dak de quo" li la jissemma fl-art. 229(1) jew (2) u lanqas jaqa' fil-kategorija "residwali" tal-art 229(3) billi ma huwiex dikriet interlokutorju. "... "Il-konkluzjoni korretta fil-fehma tal-Qorti hija illi r-regola generali hija illi ma jinghatax appell minn dikrieti hlief fejn id-dritt ta' appell jinghata espressament taht l-art. 229, (..omissis..)".*

18. Għalhekk ifisser li l-Artikolu 229 (l-artikolu li proprju jirregola d-dritt ta' appell minn digrieti) jipprovdi dwar digrieti interlokutorji. Fil-fatt ġie kkonfermat diversi drabi mill-qrati tagħna li appelli minn digrieti li ma jirrigwardawx l-andament tal-proċeduri li fih jingħataw (bħal ma huma per ezempju digrieti provviżorji li jirregolaw is-sitwazzjoni fil-mertu sakemm tingħata s-sentenza finali) huma nulli u ghalhekk il-Qorti kienet korretta meta cahdet it-talbiet ta' Carmen Grixti biex tappella mid-digrieti elenkati minnha f'Dokument 'A' anness mar-rikors promotur;

19. Illi huwa f'dal-isfond kollu, li l-esponent bir-rispett jissottometti illi Carmen Grixti qed tabbuza mill-proceduri odjerni sabiex tutilizza l-istess bhala xi forma ta' appell mill-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, kif del resto anke pruvat taghmel fl-atti tas-subbasta billi intavolat rikors wara l-iehor, liema kollha gew michuda mill-Onor. Imhallef Doreen Clarke (Kopja informali tad-digriet annessa u mmarkata bhala Dok B);

20. Illi b'zieda mas-suespost, bir-rispett jigi sottomess illi huwa ben evidenti li meta l-Qorti tal-Familja cahdet ir-rikorsi ta' Carmen Grixti "ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta" u/jew "ghall-uhud mir-ragunijiet imsemmija fir-risposta" huwa evidenti li dan ifisser li l-istess Qorti qablet mal-argumenti mressqa fir-risposta u ghamlet taghha tali argumenti;

21. Illi ghaldaqstant huwa tassew inkoncepibbli kif ir-rikorrenti tittanta ssostni li ma inghatatx ebda smiegh mill-Qorti tal-Familja tenut kont tal-fatti kif svolgew u kif jista' facilment jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

22. Illi bl-istess mod, lanqas m'hu minnu li l-Qorti tal-Familja b'xi mod llediet id-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija ta' hwejjigha, ghall-intimita` ta' dar, jew kisret id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u ta' darha u finalment, dak li ghaddejjin minnu l-konjugi Grixti, m'huwa xejn ghajr rizultat tal-agir tar-rikorrenti nnifisha bl-atti li intavolat fil-konfront ta' zewgha, kif ukoll rizultat ta' pika u vendikazzjoni li r-rikorrenti Carmen Grixti wettqet u ghadha qed twettaq fil-konfront ta' zewgha;

23. Ill l-esponent jirreferi wkoll ghar-referenza Kostituzzjonali li diga' kienet saret fuq insistenza ta' Carmen Grixti, f'liema hija kienet talbet ir-rikuza tal-Onor. Imhallef Abigail Lofaro, liema proceduri gew michuda kemm mill-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u kemm mill-Qorti Kostituzzjonali, permezz ta' sentenza tal-20 ta' Lulju 2020. Ghaldaqstant, il-proceduri odjerni m'huma xejn hlief l-ennezimu attakk minn Carmen Grixti biex tittenta taghmel forum shopping fir-rigward ta' digrieti, li l-ezitu taghhom ma kienx favorevoli ghaliha!

24. Illi ghalhekk u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, l-esponent jopponi ghat-talbiet kollha mressqa mir-rikorrenti;

25. Illi finalment l-esponent jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni li ghandhom jigu akkollati lir-rikorrenti.

26. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Ir-risposta tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali**

7. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali rrispondiet li hi m'hijiex il-leġittima kontradittriċi, u li b'hekk għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Hi targumenta li r-rwol tagħha huwa wieħed amministrattiv, u huwa limitat għal dak li jipprovdu l-artikoli 61 sa 64 ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress li hi ma tirrappreżentax lill-Qrati iżda tieħu biss ordnijiet mingħandhom, ma tistax tiġi attribwita lilha xi responsabbiltà għall-ksur allegat tad-drittijiet fundamentali tas-sinjura Grixti.[2]

**Miżura *interim***

8. Billi fost it-talbiet tas-sinjura Grixti kien hemm talba ġenerika (nru 5) għal rimedji *interim* il-Qorti talbet lis-sinjura Grixti tgħid x'kellhom ikunu dawn ir-rimedji. Dan hi fissritu permezz ta' nota mressqa fl-20 ta' Marzu 2024.

9. Il-Qorti semgħet lil dawk il-partijiet li dehru dwar din it-talba waqt smigħ li nżamm fid-19 ta' April 2024. It-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet kamerali mogħti fis-6 ta' Mejju 2024.

**Smigħ**

10. Is-smigħ ġie ffissat għall-21 ta' Mejju 2024, skont digriet proċedurali maħruġ fis-6 ta' Mejju 2024. Is-sinjuri Grixti ressqu affidavits (is-sur Grixti b'dokumenti) u s-smigħ inżamm skont il-programm mogħti fil-21 ta' Mejju 2024. Wara li ġie kkonfermat li ma kienx hemm provi ulterjuri, għajr għal dokument li kien tħalla barra bi żvista u li tressaq, u lanqas kontro-eżamijiet, il-partijiet ittrattaw u ngħataw il-fakultà li jressqu noti dwar it-tieni u t-tielet talba tas-sinjura Grixti. Dan sar u, wara li saru replika u kontro-replika, kif ukoll xi kjarifiki, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Il-fatti rilevanti**

11. Bejn il-konjuġi Grixti hemm kawża pendenti għal separazzjoni personali. Din infetħet fl-2018 u ġġib in-numru 125/2018AL.

---

[2] Ara paġna 382 - 383

12. Qabel il-kawża kien hemm attentat ta' medjazzjoni, li ma rnexxiex. Waqt li kien għaddej dan l-attentat, li jġib in-numru 1284/17, jidher li s-sinjura Grixti kienet ressqet talba għal manteniment *pendente lite*; u li l-QF kienet tat ordni f'dan ir-rigward fil-11 ta' Ottubru 2017. Permezz ta' rikors imressaq fl-4 ta' Diċembru 2017, is-sinjura Grixti ressqet talba biex tiġi varjata l-ordni tal-11 ta' Ottubru 2017,[3] talba li ntlaqgħet parzjalment b'digriet tas-26 ta' Jannar 2018, wara li l-QF kienet rat ir-risposta tas-sur Grixti.[4] Id-digriet tal-11 ta' Ottubru 2017 kif mibdul b'dak tas-26 ta' Jannar 2018 ser jissejjaħ id-"Digriet Manteniment".

13. Ftit qabel infetħet il-kawża, is-sinjura Grixti talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra żewġha, għall-ammont ta' €700,000. Ftit wara, preċiżament fil-21 ta' Ġunju 2018, is-sur Grixti talab ir-revoka tal-mandat u l-impożizzjoni ta' penali.

14. Jidher li QF qieset ħafna provi qabel ma tat digriet fuq it-talba tas-sur Grixti. Fil-fatt, id-digriet finali hu wieħed dettaljat ħafna u meqjus.[5] Wara li qieset, fost affarijiet oħra, il-provi dwar id-dħul rispettiv tal-konjuġi Grixti, l-assi u l-passiv tal-komunjoni u kif il-konjuġi kienu mxew tul l-andament tal-kawża, il-QF iddeċidiet li l-mandat kellu jinżamm fis-seħħ, iżda għal ammont ridott (€397,744.53); u li l-ebda penali ma kellha tiġi imposta. Id-deċiżjoni ngħatat fl-10 ta' Marzu 2021.

15. Sadanittant, is-sinjura Grixti kienet ressqet numru ta' talbiet. Dan li jsegwi hu sommarju tar-rikorsi u tal-eżitu tagħhom, sa Marzu 2021:

   a. Rikors tal-20 ta' April 2018, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet li jiġi varjat id-Digriet Manteniment billi, fost affarijiet oħra, jogħla l-manteniment tas-sinjura u s-sur Grixti jiġi ordnat 'ikompli jħallas id-djun li daħal għalihom'.[6] Il-QF, wara li rat ir-rikors u r-risposta,[7] ċaħdet it-talbiet 'għal uħud mir-raġunijiet fl-imsemmija risposta'.[8] ("Digriet 1")
   b. Rikors tal-11 ta' Ġunju 2018, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet lill-QF tordna lis-sur Grixti jkompli jħallas id-dejn mal-bank, u li jagħmel tajjeb għall-arretrati.[9] Fit-

[3] Ara paġ 400 - 407
[4] Ara paġ. 409 - 414
[5] Ara paġ. 417 - 433
[6] Ara paġ. 21 - 47
[7] Ara paġ. 49 - 71
[8] Ara paġ. 72
[9] Ara paġ. 75 - 79

30 ta' Ġunju 2018, il-QF, wara li rat ir-rikors u r-risposta,[10] ċaħdet it-talbiet 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'.[11] ("Digriet 2")

c. Rikors tas-6 ta' Lulju 2018, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet permess, skont l-art. 229(3) tal-Kap. 12, biex tappella mid-Digriet 2 qabel is-sentenza finali. Fil-31 ta' Awwissu 2018, wara li qieset ir-rikors u r-risposta,[12] il-QF ċaħdet ir-rikors 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'.[13] ("Digriet 3")

d. Rikors tal-10 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet, in effett, żieda fil-manteniment u l-ħlas ta' manteniment allegatament maqbuż.[14] Fis-17 ta' Jannar 2019, wara li qieset ir-rikors u r-risposta,[15] il-QF ċaħdet ir-rikors 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'.[16] ("Digriet 4")

e. Rikors tal-11 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu s-sinjura Grixti reġgħet talbet lill-QF tordna lis-sur Grixti jħallas lill-bank.[17] Fis-7 ta' Ottubru 2019, wara li qieset ir-rikors u r-risposta,[18] il-QF ċaħdet ir-rikors 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'.[19] ("Digriet 5")

f. Rikors tal-15 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet permess biex tappella mid-Digriet 5 qabel is-sentenza finali.[20] Fil-5 ta' Novembru 2019, wara li qieset ir-rikors u r-risposta,[21] il-QF ċaħdet ir-rikors 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'.[22] ("Digriet 6")

g. Rikors tat-12 ta' Diċembru 2019 dwar il-manteniment.[23] Fis-6 ta' Jannar 2020, wara li qieset ir-rikors u r-risposta,[24] il-QF ċaħdet numru ta' talbiet tas-sinjura Grixti, iżda rriżervat li tagħti provvediment dwar it-tieni talba fis-sentenza finali. It-talbiet miċħuda kienu 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'.[25] ("Digriet 7")

[10] Ara paġ. 81 - 102
[11] Ara paġ. 103
[12] Ara paġ. 108 - 109
[13] Ara paġ. 110
[14] Ara paġ. 113 - 114
[15] Ara paġ. 116 - 118
[16] Ara paġ. 119
[17] Ara paġ. 122 - 144
[18] Ara paġ. 146-152
[19] Ara paġ. 153
[20] Ara paġ. 156
[21] Ara paġ. 158-160
[22] Ara paġ. 161
[23] Ara paġ. 164 - 221
[24] Ara paġ. 222 - 234
[25] Ara paġ. 235

h. Rikors tas-27 ta’ Jannar 2020 li permezz tiegħu intalab permess biex isir appell mid-Digriet 7.[26] Fl-4 ta’ Frar 2020, wara li rat ukoll ir-risposta,[27] il-QF ċaħdet it-talba ‘għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta’.[28] (“Digriet 8”)

i. Rikors tal-1 ta’ Ġunju 2020 li permezz tiegħu l-QF ntalbet tordna lis-sur Grixti jagħti informazzjoni dwar kontijiet li suppost kellu ma bank esteru.[29] Dan ir-rikors ġie miċħud fil-15 ta’ Ġunju 2020,[30] għal uħud mir-raġunijiet fir-risposta.[31] (“Digriet 9”)

j. Rikors tat-9 ta’ Settembru 2020 li permezz tiegħu l-QF reġgħet intalbet tordna lis-sur Grixti jiġi ordnat li jagħti informazzjoni dwar kontijiet li suppost kellu mal-bank esteru.[32] Dan ir-rikors ukoll ġie miċħud,[33] għal uħud mir-raġunijiet li ssemmew fir-risposta li tressqet fis-16 ta’ Ottubru 2020.[34] (“Digriet 10”)

k. Rikors tal-25 ta’ Frar 2021. Għal darb’oħra s-sinjura Grixti talbet ordni biex is-sur Grixti jħallas id-dejn mal-bank.[35] Fl- 4 ta’ Marzu 2021, wara li rat ukoll ir-risposta tas-sur Grixti,[36] il-QF reġgħet ċaħdet it-talba, dejjem għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta.[37] (“Digriet 11”)

16. Kif rajna, il-QF għaddiet, ftit jiem wara (preċiżament fl-10 ta’ Marzu 2021) biex tagħti digriet dwar it-talba tas-sur Grixti għal kontro-mandat.

17. Ir-rikorsi tas-sinjura Grixti li segwew id-digriet dwar it-talba għal kontro-mandat kienu dawn:[38]

a. Rikors tas-26 ta’ April 2021, li fih talbet li tingħata permess, skont l-art. 229(3) tal-Kap. 12, biex tappella mid-id-Digriet 11. Is-sur Grixti rrisponda fis-6 ta’ Mejju 2021.[39] Il-QF tat id-deċiżjoni tagħha fit-12 ta’ Mejju 2021. It-talba ġiet miċħuda

[26] Ara paġ. 238
[27] Ara paġ. 240 - 242
[28] Ara paġ. 243
[29] Ara paġ. 246
[30] Ara paġ. 249
[31] Ara ukoll risposta, paġ. 248
[32] Ara paġ. 252 - 257
[33] Ara paġ. 261
[34] Ara paġ. 259 - 260
[35] Ara paġ. 264 - 265
[36] Ara paġ. 267 - 272
[37] Ara paġ. 273
[38] Iż-żewġ listi ta’ rikorsi u digrieti li tressqu ma jaqblux kompletament. Il-qorti sejra timxi fuq il-lista imressqa fl-20 ta’ Marzu 2023 (paġ. 19) kif irranġata permezz tan-nota tat-23 ta’ Lulju 23 (paġ. 489).
[39] Ara paġ. 279 – 298

għaliex id-digriet 'm'huwiex appellabbli f'dan l-istadju iżda mas-sentenza finali u kif ukoll għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'.[40] ("Digriet 12")

b. Rikors tat-28 ta' April 2021 li fih ntalbu ordnijiet konsegwenzjali għal ordni li kienet ngħatat fit-22 ta' April 2021.[41] Is-sur Grixti rrisponda fis-17 ta' Mejju 2021.[42] Il-QF iddeċidiet fid-19 ta' Mejju billi ċaħdet it-talbiet kemm għal 'uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta u kif ukoll fid-dawl tal-verbal tal-QF tas-seduta tat-22 ta' April 2021'.[43] ("Digriet 13")

c. Rikors tal-31 ta' Ottubru 2022,[44] b'talba għal permess biex isir appell qabel is-sentenza finali minn digriet tal-25 ta' Ottubru 2022. Ma jidhirx li hemm kopja ta' dan id-digriet fil-proċess. Milli jidher mir-rikors id-digriet kien jittratta talba li s-sur Grixti kellu jħallas id-dejn tal-bank. Il-QF ċaħħditu fid-22 ta' Novembru 2022 wara li rat ir-risposta tas-sur Grixti.[45] Iċ-ċaħda kienet, għal darb'oħra, għal uħud mir-raġunijiet fir-risposta.[46] ("Digriet 14")

d. Rikors tat-28 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet li tressaq xhieda minn GO plc.[47] Wara li rat ir-risposta tas-sur Grixti mressqa fit-2 ta' Mejju 2023,[48] il-QF ċaħdet it-talba, din id-darba għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta.[49] ("Digriet 15")

e. Rikors tal-20 ta' Frar 2024, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti reġgħet talbet li s-sur Grixti jiġi ordnat jħallas id-dejn mal-bank.[50] Wara li rat ir-risposta tas-sur Grixti mressqa fl-4 ta' Marzu 2024,[51] il-QF ċaħdet it-talba b'dan il-mod:

> "Tirrileva fl-ewwel lok illi r-rikorrenti ghamlet din it-talba diversi drabi ohra liema talba dejjem giet michuda mill-Qorti. Tirrileva wkoll illi r-rikorrenti ghandha tirreferi ghall-proposta li kienet saret snin ilu mill-intimat ghall-separazzjoni bonarja, liema proposta qatt ma giet accettata mill-istess rikorrenti.
>
> Ir-rikorrenti ma tista taccetta proposta wahda biss mid-diversi proposti li kienu saru mill-intimat.

[40] Ara paġ. 299; ara verżjoni miktuba mill-QF f'paġ. 276 għaliex il-verżjoni ttajpjata fiha żball.
[41] Ara paġ. 302
[42] Ara paġ. 304 - 308
[43] Ara paġ. 309
[44] Ara paġ. 312
[45] Ara paġ. 314 - 316
[46] Ara paġ. 317
[47] Ara paġ. 320
[48] Ara paġ. 322 - 323
[49] Ara paġ. 324
[50] Ara paġ. 491- 497
[51] Ara paġ. 499 - 512

> Ghal dawn ir-ragunijiet, u ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta, il-Qorti tichad it-talba."[52]

("Digriet 16")

18. Is-sinjura Grixti għalhekk ressqet:

    a. Tmien rikorsi li jolqtu l-manteniment u l-kwistjoni tal-ħlas tad-dejn mal-bank: Digriet 1, Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16[53]
    b. Ħames rikorsi biex titħalla tappella minn varji digrieti: Digriet 3, Digriet 6, Digriet 8, Digriet 12 u Digriet 14; u
    c. Tliet rikorsi dwar provi: Digriet 9, Digriet 10 u Digriet 15.

19. Il-QF ċaħdet it-talbiet 'għal uħud mir-raġunijiet' fir-risposti relattivi fi ħdax-il rikors. Fl-oħrajn kien hemm varjazzjonijiet fid-digrieti relattivi, kif imfisser Digriet 7, Digriet 12, Digriet 13, Digriet 15 u Digriet 16.

**L-eċċezzjonijiet preliminari tas-Sur Grixti u r-Reġistratur**

20. Kemm is-Sur Grixti kif ukoll ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jeċċepixxu li huma m'humiex il-leġittimi kontradittùri f'din il-kawża.

21. Din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' fil-konfront tas-Sur Grixti. Dan fid-dawl ta' diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li jgħidu li meta kwistjoni kostituzzjonali titqajjem dwar jew waqt xi proċedura ġudizzjarja, il-partijiet kollha li jkunu fil-kawża meta titqajjem din il-kwistjoni, għandhom jiġu kkonsidrati leġittimi kontradittùri.[54]

22. Madanakollu dan ma japplikax għar-Reġistratur. Ir-Reġistratur ma kienitx parti fil-kawża li dwarha nqalgħet din il-kwistjoni. Lanqas ma jista' jingħad li hi kienet direttament jew

---

[52] Ara paġ. 513.
[53] Ir-rikorsi li fihom il-qorti intalbet li tordna s-sur Grixti jħallas id-dejn tal-bank kienu sitta: Digriet 1, Digriet 2, Digriet 5, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16. Digriet 13 kien ukoll ikopri kwistjoni li ma tidhirx rilevanti għal dan il-każ.
[54] Dawn il-partijiet jaqgħu taħt it-tielet kategorija ta' leġittimi kontradittùri, u dan skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 1990 fl-ismijiet *Joseph Abela vs Onor Prim Ministru et,* liema sentenza ġiet iċċitata f'diversi sentenzi kostituzzjonali oħra.

indirettament responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li, skont is-sinjura Grixti, jikser id-drittijiet fundamentali tagħha. Kif targumenta l-irwol tagħha huwa biss amministrattiv, u ma tirrappreżentax lill-Qrati – anzi hi tieħu ordnijiet mingħandhom.[55] Tajjeb li jingħad ukoll li r-Reġistratur mhix f'pożizzjoni li tagħti r-rimedji li l-Qorti ġiet mitluba tipprovdi għall-ilment tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tas-sinjura Grixti.

23. Fid-dawl ta' dan, l-eċċezzjoni tas-sur Grixti għandha tiġi miċħuda filwaqt li dik tar-Reġistratur għandha tintlaqa', b'dan illi r-Reġistratur għandha tinħeles mhux biss mill-osservanza tal-ġudizzju, imma mit-talbiet.

**Rimedju ordinarju**

24. L-Avukat tal-Istat jgħid li l-liġi ma tillimitax kemm-il darba s-sinjura Grixti tista' titlob ir-rikonsiderazzjoni 'tad-Digriet'.[56] Jgħid ukoll li hemm ir-rimedju ta' appell wara s-sentenza finali; u li jekk kellha tinbiegħ id-dar matrimonjali, is-sinjura Grixti dejjem tista' tiġi kkumpensata fis-sentenza finali.[57]

25. Fil-fehma tiegħu, dan ifisser li s-sinjura Grixti għad għandha rimedju skont id-dritt ordinarju. Għalhekk, huwa stieden lill-qorti biex teżerċita d-diskrezzjoni li hija ġiet mogħtija bil-*proviso* għas-subartikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew bil-*proviso* għas-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kap. 319 (jew it-tnejn li huma), u tieqaf milli tisma' u tiddeċiedi din il-kawża.

26. Dawn l-argumenti ma ġewx riflessi - almenu mhux formalment - fir-risposta ta' Ivan Grixti, għalkemm jidher ċar minn kif imxew il-proċeduri quddiem il-QF li hu ma jikkontestax id-dritt ta' martu li tressaq kontestazzjoni wara kontestazzjoni tal-istess digriet. Ukoll, kif rajna, hu jieħu l-pożizzjoni, li magħha taqbel il-qorti, li digriet li jirregola l-manteniment mhux digriet interlokutorju u, allura, li m'hemmx appell minnu skont l-art. 229 tal-Kap. 12. Jibqa' l-fatt, b'danakollu, li ma stedinx lill-qorti biex ma tkomplix bis-smiegħ tal-kawża, iżda talab li għandha tiċħadha fil-mertu.

---

[55] Ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet *Mark Lombardo et vs. Kunsill Lokali Fgura*.
[56] Preżumibbilment, din hi referenza għad-Digriet Manteniment.
[57] L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

27. Biex il-qorti tieħu pożizzjoni dwar l-argumenti tal-Avukat tal-Istat, hu meħtieġ li naraw kemm hu minnu, anki mill-lat teoretiku, dak li jgħid. Il-Qorti sejra tqis il-pożizzjoni skont in-natura tad-digrieti, kif maqsuma f'para. 18.

*It-talbiet biex jiġi rivedut il-Digriet Manteniment*

28. Id-Digriet Manteniment ma ġiex attakkat f'din il-kawża u, preżumibbilment, ingħata skont l-art. 37 tal-Kap. 16.

29. Mhux kompletament ċar fuq liema bażi s-sinjura Grixti talbet ordni biex ir-raġel tagħha jiġi ordnat iħallas id-dejn tal-komunjoni fil-pendenza tal-kawża ta' separazzjoni. Fl-ewwel rikors li dwaru qed issir din il-kawża – dak tal-20 ta' April 2018[58] – is-sinjura Grixti talbet varjazzjoni, jew riforma, tad-Digriet Manteniment billi (fost affarijiet oħra) jiġi ordnat li s-sur Grixti jkompli jħallas id-djun. Wieħed jifhem li hi kienet qed tqis ordni f'dan ir-rigward bħala element, anki jekk indirett, tal-manteniment li kienet qed tippretendi li kellu jitħallas lilha. Il-Qorti ma tarax li seta' kien mod ieħor, għaliex il-QF tista', tagħti ordnijiet proviżorji biss rigward (i) il-manteniment; (ii) min jgħix fid-dar matrimonjali; u (iii) l-kura u l-kustodja tat-tfal. Jsegwi minn dan li biex is-sinjura Grixti setgħet biss tressaq talba dwar il-ħlas tad-dejn, din kellha tressaqha bħala parti mit-talba tagħha għall-ħlas ta' manteniment.

30. Ir-rikorsi sussegwenti dwar manteniment u dwar id-dejn ma tressqux, formalment, bħala talbiet biex jiġi varjat id-Digriet Manteniment. Imma l-effett, kieku ntlaqgħu, kien ikun dak,[59] għaliex is-sinjura Grixti qiegħda titlob li r-raġel tagħha jħallas id-dejn kollu tal-komunjoni tal-akkwisti (jew almenu, impliċitament, il-ħlasijiet (kollha) regolari sakemm ikun hemm sentenza finali) sabiex hija tkun f'pożizzjoni aħjar biex tmantni lilha nnifisha. Għalhekk ser jitqiesu bħala tali.

31. F'*Portelli v Portelli*[60] ngħad li digriet li jiddetermina kemm għandu jitħallas bħala manteniment tul kawża ta' separazzjoni għandu – '*se mai*' - jitqies bħala digriet interlokutorju li tista' tintalab ir-rikonsiderazzjoni tiegħu skont is-subartikolu (4) tal-art.

---

[58] Paġ. 21 *et seq.*
[59] Ara Digriet 3, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11 u Digriet 16.
[60] *Portelli v Portelli*, Qorti ta' l-Appell, deċ. 3 ta' Diċembru 2010.

229 tal-Kap. 12, jew li jista' jintalab li jingħata dritt ta' appell minnu qabel is-sentenza finali skont is-subartikolu (3) tal-art. 229 tal-Kap. 12.

32. Il-qorti mhix konvinta li digriet dwar kemm għandu jitħallas bħala manteniment tul kawża ta' separazzjoni għandu jitqies bħala wieħed interlokutorju.[61] Għalkemm digriet bħal dan ma jaqtax il-kwistjoni u għalkemm, warajh, wieħed jistenna sentenza, id-digriet ma jirregolax aspetti proċedurali tal-kawża, u digrieti interlokutorji huma ġeneralment mifhuma f'dan is-sens.[62] Minflok, tali digriet jirregola, fuq bażi *interim,* aspetti sostantivi tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Mhux biss, imma hu titolu eżekuttiv (art. 37(4) tal-Kap. 16) u jista' jiġi rivedut, mibdul jew revokat, preżumibbilment mill-qorti li tkun qed tisma' l-kawża (art. 37(7) tal-Kap. 16).[63]

33. Fil-ġurisprudenza għadna nsibu distinzjoni bejn digrieti interlokutorju, digrieti finali u digrieti li la huma interlokutorji u lanqas finali; kategorija ta' digriet li hi definita b'dak li mhix iktar milli b'dak li hi. Jekk digriet dwar manteniment mhux interlokutorju u lanqas finali, jista' jitqies li jifforma parti mill-kategorija ta' digrieti li m'għandhomx isem? Fil-fehma tal-qorti, t-tweġiba hi fin-negattiv, għaliex dan id-digriet għandu karatteristiċi partikolari għalih, u li mhumiex kompatibbli mal-kategorija ta' digrieti li mhumiex interlokutorji u lanqas finali. Fir-rigward ta' dawn, il-ġurisprudenza tgħid li (i) ma jagħtux lok għal appell; u (ii) jistgħu jiġu attakkati jew impunjati, imma li dan irid isir b'kawża normali. Eżempju ta' tali digrieti qabel l-emendi tal-1995 għall-Kap. 12 kienu dawk li bihom kienu jinħarġu mandat kawtelatorji. Eżempju kontemporanju hu digriet mogħti fuq rikors skont l-art. 402 tal-Kap. 386.[64]

34. Kif rajna, digriet proviżorju dwar manteniment jibqa' soġġett għal reviżjoni jew revoka u dan, preżumibbilment, mhux billi ssir kawża, imma b'sempliċi talba, b'rikors, mill-parti li titlob ir-reviżjoni jew ir-revoka (kif sar fil-każ bejn il-konjuġi Grixti quddiem il-QF). Hi proċedura simili għal dik introdotta fl-1995 fir-rigward tal-mandati kawtelatorji bl-art. 836 tal-Kap. 12, għalkemm iktar flessibbli, għaliex hi l-qorti li tiddeċiedi kif għandha tqis it-

---

[61] Jista' jkun li anki l-Qorti tal-Appell ma kienitx konvinta? L-użu tal-frażi '*se mai*' hu forsi indikattiv li dik il-qorti kienet qed tieħu dik il-pożizzjoni minħabba f'kif tressqu l-argumenti quddiemha.
[62] *Paul Tanti pro et noe v Sammy Tanti pro et noe*, Qorti ta' l-Appell, deċ. 19 ta' Novembru 2001.
[63] Hu kemxejn stramb li l-kodiċi fih regoli dettaljati dwar digrieti dwar manteniment li jingħataw fuq talba li tkun saret qabel ma tinbeda l-kawża, però ma fihx regoli simili dwar digrieti li jingħataw fuq talba li ssir wara li tkun bdiet il-kawża (ara art. 37 u 46A tal-Kap. 16)
[64] Ara *Suzanne Busuttil et v Francis Busuttil & Sons Limited*, Qorti tal-Appell, deċ. 20 ta' Marzu 2024. Ara ukoll para. 16 – 18 tar-risposta ta' Ivan Grixti għar-rikors promotur.

talba. Bħal fil-każ tal-kategorija ta' digrieti bla isem, dan donnu jimplika li m'hemmx lok għal appell minn digriet bħal dan, għaliex hemm rimedju iktar faċli li wieħed jista' jirrikorri għalih, kemm quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Kif rajna ukoll, dan id-digriet hu titolu eżekuttiv.

35. Jidher minn dan li l-Avukat tal-Istat għandu raġun meta jgħid li l-liġi ma timponix limitu għal kemm-il darba s-sinjura Grixti tista' titlob reviżjoni tad-Digriet Manteniment. M'għandux raġun, iżda, li jgħid li d-Digriet Manteniment hu appellabbli bħala tali. Naturalment, dejjem jista' jiġi rivedut mill-Qorti tal-Appell waqt is-smigħ tal-appell u *de facto* dejjem jiġi rivedut meta tingħata sentenza.

*Id-digrieti dwar permess speċjali biex jitressaq appell*

36. Kif rajna, id-digrieti li fih il-QF intalbet tagħti permess speċjali biex jitressaq appell minnhom kollha kienu jittrattaw il-kwistjoni tal-manteniment. Kif rajna ukoll, dawn ma kienux appellabbli skont l-artikolu 229 tal-Kap 12, għaliex id-Digriet Manteniment mhux digriet interlokutorju.

*Provi*

37. Dwar ir-rikorsi li jirrigwardaw il-provi, is-subartikolu (1) tal-artikolu 229 jagħmilha ċara li dawn la setgħu jiġu appellati u lanqas ikkontestati qabel is-sentenza finali.

*Ebda rimedju ordinarju li jiġġustifika twaqqif*

38. Minn din l-analiżi, u mill-punti addizzjonali li ser jissemmew hawn, il-qorti tqis l-argumenti tal-Avukat tal-Istat - li fuqhom ibbaża l-istedina tiegħu biex il-qorti tieqaf milli tisma' l-każ – bħala mhux konvinċenti.

39. Ir-rimedju ordinarju li jrid jeżisti biex il-qorti tkun ġustifikata li tiddeċiedi li ma tismax rikors kostituzzjonali jrid ikun prattiku, aċċessibbli, effettiv, adegwat u sħiħ.[65] Għalkemm hu minnu, kif jgħid l-Avukat tal-Istat, li ma hemmx limitu għal kemm-il darba s-sinjura Grixti tista' titlob lill-QF biex tbiddel id-Digriet Manteniment, mhux realistiku, u forsi lanqas korrett, ħlief possibbilment f'każ eċċezzjonali, li qorti tintalab terġa' tqis deċiżjoni

[65] Ara, fost oħrajn, *John Grech v Prim Ministru*, Qorti Kostituzzjonali deċ. 31 ta' Jannar 2014.

tagħha wara li tkun ġa qieset talba għal rikonsiderazzjoni, fejn ma hemmx bidla materjali li tista' tiġġustifikaha. Ukoll, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-QEDB meta parti tkun ittentat rimedju, mhux meħtieġ li tittenta rimedju ieħor li għandu l-istess oġġettiv.[66] U jekk għandha raġun il-qorti li digriet dwar manteniment mhux appellabbli, ifisser li ma hemmx rimedju ordinarju effettiv li s-sinjura Grixti setgħet tfittex wara li ressqet ir-rikors li wassal għal Digriet 1 (rikors li, kif ser naraw, seta' kien ġustifikat proprju għaliex kien hemm bidla fiċ-ċirkostanzi wara d-Digriet Manteniment).

40. Dwar ir-rikorsi għal permess speċjali biex isir appell u r-rikorsi dwar il-provi, il-qorti tqis li l-liġi ordinarja ma tagħti l-ebda rimedju li s-sinjura Grixti setgħet tirrikorri għalih. In kwantu għall-kwistjoni tal-bejgħ tad-dar matrimonjali, il-liġi ma tagħti l-ebda rimedju ordinarju lis-sinjura Grixti fil-konfront tar-raġel tagħha, almenu mhux issa.

41. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqa' l-istedina tal-Avukat tal-Istat.

**L-artikolu 6 (l-"art. 6") tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (il-"Konvenzjoni")**

*Manteniment*

42. Ma jidhirx li l-liġi ordinarja obbligat lill-QF tagħti raġunijiet għad-digrieti tagħha li permezz tagħhom ċaħdet it-talbiet għat-tibdil fid-Digriet Manteniment.[67] Dan, naturalment, ma jfissirx li ma seħħitx leżjoni tad-drittijiet fondamentali tas-Sinjura Grixti. Meta japplika l-art. 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tkun obbligata tagħti raġuni għas-sejbien tagħha dwar dawk is-sottomissjonijiet u l-argumenti meqjusa l-iktar essenzjali.[68]

---

[66] Ara, *inter alia*, *Kozacıoğlu v. Turkey* [GC], no. 2334/03, 19 ta' Frar 2009 § 40.

[67] Billi d-Digriet Manteniment mhux interlokutorju, ma japplikax is-subartikolu (2) tal-artikolu 221 tal-Kap 12, u ma jidher li hemm ebda regola oħra li tgħid li tali digriet irid ikun fih raġunijiet.

68 *Van de Hurk v Netherlands*, no. 16034190, 19 ta' April 1994 § 59; *Buzescu v Romania*, no. 61302/00, 24 ta' Mejju 2005 § 67; *Donadze v Georgia*, no. 74644/01, 7 ta' Marzu 2006, § 35. Ċerti sitwazzjonijiet eċċezzjonali jitolbu li l-protezzjonijiet proċedurali japplikaw b'mod differenti – ara *Micallef v Malta* [GC], no. 17056/06, ECHR 2009 § 86. Madanakollu huwa l-Istat li huwa obbligat li jipprova li kienu jeżistu dawn iċ-ċirkostanzi u li l-protezzjonijiet proċedurali ma setgħux jiġu applikati fl-intier tagħhom. F'dan il-każ, ma tressqet l-ebda prova bħal din.

43. Japplika l-art. 6? L-Avukat tal-Istat isostni li ma japplikax

> stante li digrieti pendente lite ma humiex intizi biex jiddeterminaw drittijiet jew obbligi civili b'mod finali.[69]

44. Sal-2009, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEBD") kienet fis-sens li l-art. 6 ma japplikax għal miżuri *interim* għaliex dawn ma jiddeterminawx drittijiet u obbligi ċivili. Iżda f'*Micallef v Malta*,[70] il-QEDB qieset li għaliex ċerti miżuri *interim* huma, in effett, deċiżivi u li nuqqasijiet imwettqa fil-kors ta' proċeduri *ad interim* mhux dejjem jistgħu jissewwew fi stadju ulterjuri. Kien ikun ferm iktar korrett l-Avukat tal-Istat li kieku irrefera lill-qorti għal din is-sentenza u, possibbilment, għamel argument għaliex l-art. 6 xorta m'għandux japplika f'dan il-każ.

45. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-qorti tqis li digriet dwar manteniment qabel sentenza għandu jitqies bħala determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi tal-partijiet minkejja li jista' jiġi anki rivedut u anki revokat mill-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża; dan għaliex, sakemm jibqa' fis-seħħ, id-digriet jew ir-reviżjoni tiegħu, jekk ikun il-każ, jkun qiegħed jiddetermina mhux biss drittijiet u obbligi ċivili tal-partijiet, imma effettivament kif ikunu jistgħu jgħixu ħajjithom, għall-inqas mill-perspettiva finanzjarja.[71]

46. Dan ifisser li tali digriet għandu jkun fih ir-raġunijiet li wasslu l-qorti għad-deċiżjoni li ħadet, u dan sabiex il-partijiet (i) jifhmu, u forsi anki jaċċettaw, ir-raġunament tal-qorti; u (ii) jkunu jistgħu, jekk jixtiequ, jitolbu li d-digriet jiġi mibdul. L-istess jista' jingħad għal deċiżjoni fuq talba għal reviżjoni ta' digriet: il-partijiet għandhom id-dritt li jkunu jafu għaliex talba għal reviżjoni tkun ġiet miċħuda jew aċċettata; u għandhom ikunu jafu ukoll x'tibdil fiċ-ċirkostanzi jista', eventwalment, jikkonvinċi lill-qorti tibdel il-pożizzjoni tagħha.

47. Iżda l-qorti ma tarax li dan jgħodd għal talba, jew talbiet, biex terġa tiġi riveduta deċiżjoni meta t-talba tkun mibnija fuq l-istess punti ta' fatt jew ta' dritt (jew tat-tnejn), f'każ li l-

[69] It-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.
[70] *Micallef v Malta* [GC], no. 17056/06, ECHR 2009.
[71] Ibid, § 79 – 80.

qorti tkun ġa tat ir-raġunijiet għad-deċiżjoni oriġinali u għad-deċiżjoni riveduta. Qorti mhix obbligata li tirrepeti ruħha, jew li tagħti raġuni għal kull argument imressaq mill-partijiet.[72]

48. Issa fil-każ tagħna, jidher li kien hemm tibdil materjali fiċ-ċirkostanzi wara li l-qorti kienet varjat id-digriet oriġinali tal-11 ta' Ottubru 2017 bid-digriet tas-26 ta' Jannar 2018. L-iktar tibdiliet importanti, almenu skont ma qalet is-sinjura Grixti fir-rikors tagħha tal-20 ta' Mejju 2018,[73] kienu dawn:

a. Wara d-digriet dwar il-manteniment (mhux ċar liema wieħed) is-sur Grixti beda jħallas nofs il-pagamenti dovuti lill-bank dwar is-self;[74] u
b. Hi kienet sabet xogħol *part-time* bi dħul nett ta' €740 fix-xahar.[75]

49. Naturalment, il-bidla fid-dħul tas-sinjura Grixti kienet taħdem kontriha fir-rigward tat-talba tagħha għal żieda *de facto* fil-manteniment; filwaqt li l-kwistjoni tan-nuqqas fil-ħlas tad-dejn setgħet tqieset bħala punt favur tagħha.

50. Il-problema hi li meta l-qorti ċaħdet it-talba tas-sinjura Grixti ma tatx raġuni ċara għaliha. Kif rajna, qalet biss li kienet qed tiċħadha għal 'uhud mir-ragunijiet imsemmija fir-risposta'. Issa skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ir-raġunijiet li jkunu wasslu għal deċiżjoni ta' qorti għandhom jissemmew b'mod ċar u m'huwiex biżżejjed li jingħad li t-talba qiegħda tiġi miċħuda għal 'uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta';[76] punt li l-Avukat tal-Istat jinjora.[77] U billi, kif rajna, il-QF kellha quddiemha ċirkostanzi ġodda, id-deċiżjoni tagħha dwar dawk iċ-ċirkostanzi kellha tiġi artikolata, b'mod li l-partijiet setgħu jifhmu kif waslet għaliha. Il-QF setgħet għamlet hekk anki b'mod telegrafiku, iżda mhux kriptiku.

---

[72] *Van De Hurk v the Netherlands*, 19 ta' April 1994, Series A, no 288 § 61; *Garcia Ruiz v Spain* [GC], no. 30544/96, ECHR 1999-J § 26; *Jahnke and Lenoble v France* (dec), no. 40490/98, ECHR 2000-IX; *Perez v France* [GC], no. 47287/99, ECHR 2004-I § 81.
[73] Ir-rikors, u r-risposta, jittrattaw ukoll il-kwistjoni dwar id-dħul tas-sur Grixti. Iżda din ma kienitx kwistjoni ġdida.
[74] Ara paġ. 23 (para 11). Il-pożizzjoni tas-sur Grixti dwar din l-allegazzjoni mhix għal kollox ċara. Donnu jindika li, almenu sa dak iż-żmien, kien għadu jħallas il-pagamenti fuq id-dejn, għaliex jinkludihom bħala ħruġ ta' kull xahar (ara paġ. 50).
[75] Ara paġ. 22 (para 5).
[76] Ara, fost oħrajn, *Kevin Pace v Avukat Generali et*, Qorti Kostituzzjonali, deċ. 27 ta' Jannar 2021, § 15(ii); u *Martin Leonard Micallef v Jacqueline Micallef*, Qorti tal-Appell, deċ. 12 ta' Jannar 2023, § 5.
[77] Ara s-sitt eċċezzjoni tiegħu.

51. Għalhekk, billi l-QF naqset milli tagħti raġunijiet jew raġunijiet suffiċjenti għad-Digriet 1 kif kienet obbligata tagħmel, ġie miksur id-dritt tas-sinjura Grixti għal smigħ xieraq. Dan ma ġiex rimedjat fid-digrieti rilevanti sussegwenti, u lanqas mod ieħor.

*Appelli*

52. Is-sinjura Grixti talbet biex tappella mid-Digriet 2; mid-Digriet 5; mid-Digriet 7; mid-Digriet 11; u minn digriet ieħor, mhux in atti: ara Digriet 14. Dawn it-talbiet ġew miċħuda fid-Digriet 3; fid-Digriet 6; fid-Digriet 8; fid-Digriet 12; u fid-Digriet 14. Kollha huma dwar il-kwistjoni tal-ħlas tad-dejn jew, fi kliem ieħor, dwar dik tal-manteniment.[78]

53. Billi l-qorti sabet li d-digrieti li minnhom is-sinjura Grixti riedet tappella m'humiex digrieti interlokutorji, allura ma kienx hemm appell minnhom.

54. Issa sabiex l-art. 6 jkun applikabbli għal proċeduri ċivili, jeħtieġ li tkun teżisti kontestazzjoni rigward dritt ċivili jew l-eżerċizzju tat-tali dritt, liema dritt jeżisti fuq bażi *prima facie* fil-liġi domestika. Il-kontestazzjoni trid tkun waħda ġenwina u ta' ċertu serjetà.[79]

55. F'dan il-każ, ma hemm ebda kwistjoni bħal din billi, kif rajna, ma hemm ebda dritt ta' appell mid-digrieti li fir-rigward tagħhom intalab il-permess. Dan ifisser li l-art. 6 ma japplikax għad-digrieti in kwistjoni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u, allura, il-QF ma kienitx marbuta li tagħti raġunijiet għaċ-ċaħda tagħhom.[80]

*Provi*

56. Is-sinjura Grixti tilmenta ukoll dwar tliet digrieti li permezz tagħhom il-QF ċaħditilha l-possibilità li tressaq provi partikolari. Kif rajna, dawn kellhom, skond il-liġi ordinarja, jiġu motivati. Imma dawn id-digrieti ma ddeterminawx drittijiet jew obbligi tal-partijiet fil-

---

[78] Digriet 14 kien ukoll jittratta kwistjoni oħra. Jidher, però, li din kienet ġiet solvuta u li mhix relevanti għal dawn il-proċeduri.
[79] *Mennitto v. Italy* [GC], nru. 33804/96, § 23, QEDB, 5 ta' Ottubru 2000; *Gülmez v. Turkey*, nru. 16330/02, § 28, QEDB, 20 ta' Mejju 2008.
[80] Hemm ċirkostanzi oħra li fihom l-art. 6 jista' jista' applika: ara *Hansen v Norway*, nru 15319/09, QEDB, 2 ta' Ottubru 2014.

kawża, u huma rivedibbli mill-Qorti tal-Appell, anki jekk wara s-sentenza fil-mertu tal-QF. Dan ifisser li, l-art. 6 ma japplikax għal Digriet 9, Digriet 10 u Digriet 15.

**L-art. 39 tal-Kostituzzjoni**

57. Billi ma jidhirx li hemm xi differenzi bejn il-protezzjoni li joffri l-art. 6 u l-protezzjoni li joffri l-art. 39 tal-Kostituzzjoni, il-qorti ma jidhrilhiex li hemm il-ħtieġa li tagħmel analiżi tal-ilment tas-sinjura Grixti mill-perspettiva tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ukoll.

**L-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

58. Is-sinjura Grixti tallega ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan għaliex id-dar matrimonjali tagħha u ta' żewġha hija fil-proċess li tinbiegħ b'subbasta minħabba n-nuqqas ta' ħlas fuq id-dejn konġunt tagħhom mal-bank.

59. L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipproteġu lil individwi privati mill-privazzjoni tal-proprjetà tagħhom f'każ li ma jiġux sodisfatti r-rekwiżiti neċessarji elenkati.

60. F'dan il-każ, il-proprjetà mhux biss għadha ma nbiegħetx, imma l-proċeduri tal-bejgħ b'subbasta nbdew biss minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dejn, ikkonfermat b'sentenza. Issa skont paragrafu (f) u (h) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-ebda ħaġa fl-artikolu 37 m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew it-tħaddim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà 'bħala inċidentali għal kirja, liċenzja, privileġġ jew ipoteka, *mortgage*, dritt, *bill of sale*, pleġġ jew kuntratt ieħor' jew 'fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati' rispettivament.

61. B'mod simili, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax għall-liġijiet u l-għemil tal-Istat biex 'jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

62. B'hekk peress li l-proprjetà qiegħda fil-proċess ta' bejgħ b'subbasta wara sentenza finali, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni m'humiex applikabbli.

**L-art. 8 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni**

63. It-tmien artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi protezzjoni lil individwu mill-indħil ta' awtoritajiet pubbliċi fl-eżerċizzju tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu, meta dan l-indħil ma jkunx konformi mal-ħtiġijiet imsemmija fl-istess artikolu.

64. Fil-każ preżenti s-sinjura Grixti ma spjegatx x'indħil qiegħda tallega li seħħ min-naħa tal-Istat li jikser dawn il-ħtiġijiet. Għalhekk it-talba msejsa fuq dan l-artikolu ma tistax tiġi mistħarrġa.

65. L-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jipprovdi protezzjoni lil individwu kontra tfittix fuq il-persuna jew fuq il-proprjetà tiegħu meta ma jkunux ġew osservati r-rekwiżiti spjegati fit-tieni sub-inċiż tal-artikolu. Huwa għalhekk evidenti li dan l-artikolu m'għandu l-ebda rilevanza għall-fatti spjegati mir-rikorrenti, u l-ilmenti tagħha.

**Ir-rimedji**

66. Il-qorti sejra ssib ksur tal-art. 6 fir-rigward ta' Digriet 1, Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16 iżda sera tordna li jerġa jitqies bill Digriet 1 bill l-oħrajn huma, in effett, ripetittivi, u billi rimedju fir-rigward ta' Digriet 1 għandu f'kull każ jagħti rimedju adegwat. Mhux sejra ssib ksur fir-rigward tad-Digriet 3, Digriet 6, Digriet 8, Digriet 9, Digriet 10, Digriet 12, Digriet 14 u Digriet 15 billi dawn ma jqajjmux kwistjoni taħt l-art. 6.

67. Ir-rimedju ser jikkonsisti fit-tħassir tad-Digriet 1 u f'ordni sabiex ir-rikors relattiv jinstema' mill-ġdid, u fit-tħassir ta' Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16, b'dan illi, fir-rigward ta' Digriet 1 (i) għandhom jingħataw raġunijiet għad-deċiżjoni li tingħata; u (ii) ir-rikors għandu jinstema' minn ġudikant ieħor. Ir-rimedju f'(ii) ser jiġi ordnat b'analoġija mal-loġika fil-ġurisprudenza fir-rigward tal-kostituzzjonalità tal-

artikolu 814 tal-Kap. 12.[81] Il-QF kif presjeduta, tat tmien deċiżjonijiet essenzjalment dwar l-istess kwistjoni. Ikun assurd li l-istess Imħallef tintalab terġa' tqis l-istess kwistjoni sostantiva. Dan, però, m'għandux jitqies bħala xi ġudizzju jew anki kumment avvers dwar l-imparzjalità tal-QF, kif presjeduta, fl-għoti tad-digrieti attakkati mis-sinjura Grixti. Ifisser biss li l-ġustizzja ma tkunx tidher li qed issir jekk ma jinbidilx il-ġudikant; u ukoll li l-istess ġudikant m'għandhiex titqiegħed fil-pożizzjoni diffiċli li, possibbilment, ikollha tgħid li d-deċiżjoni li ħadet kemm-il darba qabel, kellha tkun mod ieħor.

68. Is-sinjura Grixti ma ressqet ebda prova ta' danni pekunjarji u, allura, l-qorti ma għandha xejn xi tqis. Fir-rigward tat-talba għal danni morali, jidhrilha li dan hu każ li fih ir-rimedji msemmija fil-paragrafu preċedenti huma suffiċjenti biex jagħmlu tajjeb għall-ksur li sofriet.

**Parti deċiżiva**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti:

(i) tiċħad l-eċċezzjoni tas-sur Grixti għall-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju, u tilqa' l-eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, b'dan illi teħles lir-Reġistratur mit-talbiet;

(ii) tiddikjara li, b'konsegwenza tal-fatt li Digriet 1, Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16 ma fihomx raġunijiet, jew ma fihomx raġunijiet biżżejjed, seħħ ksur tal-art. 6;

(iii) tiddikjara Digriet 1 Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16 nulli u mingħajr effett;

(iv) tordna lill-QF, presjeduta minn ġudikant differenti, tisma' u tqis mill-ġdid ir-rikors li wassal għal Digriet 1, u tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha; u

(v) tiċħad it-talbiet l-oħra.

[81] Dan l-artikolu jipprovdi li talba għal ritrattazzjoni għandha tiġi mismugħa mill-istess maġistrat jew imħallef li jkun ta s-sentenza attakkata. Ara 739/2000/1, *Arcidiacono Limited v Avukat Generali et*, Qorti Kostituzzjonali, deċ. 29 ta' Ottubru 2007.

L-ispejjeż tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali tħallashom is-sinjura Grixti. L-ispejjeż tas-sinjura Grixti u tas-sur Grixti jħallashom l-Avukat tal-Istat.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur